MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Numru. 284/90
Kawza Numru. 8

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Vella**

**Illum 26 ta' Ottubru 2011**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Paul Vella ta' 7, Mgarr ix-Xini Street, Xewkija, Ghawdex, u Salvu Vella ta' 43, Triq Imgarr ix-Xini, Xewkija, Ghawdex

Talli fuq talba tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici li qed taghmel jew li qed iggieghel jew thalli li jsir xi haga, f'Mgarr ix-Xini Street, Xewkija, Ghawdex, li ghaliha huwa mehtieg permess skont l-Artikolu 169(1) tal-Kodici tal-

Ligijiet tal-Pulizija Kap 10 16(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap 10 . Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex minbarra l-piena stabbilita, tapplika l-provedimenti skond Sezzjoni 17 sub-artikoli (1) (3) u (8) u sezzjoni 18 tal-Kap 10 tal-Ligijiet tal-Pulizija. Barra minn hekk il-Qorti hija ukoll mitluba tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' xi dritt li l-imputat ghandu fi, jew fuq proprjeta' immobbli li dwarha sar ir-reat u dan skond l-Artikolu 17A tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap 10;

Semghet il-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq flimkien ma' Salvu Vella, izda l-imputat b'accettazzjoni tal-Prosekuzzjoni assuma l-obbligi kolla ta' ta' il-procedura (ara verbal tat-30 ta' Dicembru 1992);
Illi kif manifest mill-atti, dan il-kaz jirrisali ghall-1990 meta l-imputat tressaq sabiex iwegeb ghal-kostruzzjoni li ghaliha kien jehtieg permess skond il-ligijiet ta' dak iz-zmien. Kif dejjem sar f'dawn il-kawzi, l-imputat inghata zmien sabiex jara jistghax jissana l-irregolarità; liema zmien, fil-fehma tal-Qorti, oltrepassa kull limitu possibbli. L-imputat talab u ottjena differimenti matul dawn is-snin anke meta il-Qorti ghalqet ghajnejha ghall-maniggi tieghu bhala ma jidher fil-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 1997 fejn talab differement ghaliex kien qed ipprezenta applikazzjoni biex jissana l-izvilupp u ma kellu xejn x'juri ghal dan. F'rikors tad-9 ta' Dicembru 1997 imbaghad prezenta kopja tal-applikazzjoni bid-data tas-6 ta' Dicembru li turi allura li din l-applikazzjoni saret ferm wara t-talba tieghu ghad-differiment. Ghalkemm dan mhux ser jittiehed in konsiderazzjoni fid-deliberazzjoni tal-Qorti, qieghed ikun rilevat sabiex jintwera li l-Qorti tat kull opportunita' lill-imptuat sabiex iressaq id-difiza tieghu.
Illi fil-mertu, din hija kawza dwar allegat zvilupp illegali konsisti f'diversi kmamar f'zona li fuqa ma jistghax isir zvilupp. Sabiex ikun deskritt dan l-izvilupp u l-fatti tal-kaz opportunement tkun riprodotta ix-xhieda tal-ufficcjal tal-

MEPA, Mark Cini tal-24 ta’ Settembru 2008 riportata a fol 94:

*“Dan il-kaz jirrigwarda bini ta’ struttura li tinsab barra miz-zona ta’ zvilupp:  huma kmamar li nbnew minghajr permess.*

*Qed nipprezenta ritratti li juru l-bini mertu ta’ dan il-kaz li huma mmarkati bhala dokument MC!, MC2 u MC3.  Dawn huma sett ritratti mehuda mill-ahhar applikazzjoni;*

*Irrid nghid illi s-sit jinsab ukoll f’area li hija skedar arkeologiku minhabba xi fdalijiet li nstabu fl-area.  Kien hem diversi applikazzjonijiet fuq is-sit.  Se nipprezenta xi kopji taghhom.  Se nipprezenta ukoll site plan ta’ fejn tinsab l-izvilupp, immarata dokument MC4 u kopja ta’ aerial photo mmarkata b’cirku ahmar dokuemnt MC5*

*L-ewwel darba li kien hemm applikazzjoni BB3626/89 biex jigi regolarizzat dan il-bini giet rifjutata fit-tnejen u ghoxrin (22) ta’April elf disa’ mija wiehed u disghin (1991) skond id-dokument MC6.  Qed nipprezenta kopja tar-rifjut u kopja tal-pjanta li turi l-bini li hu mertu tal-kaz;*

*Saret ukoll applikazzjoni ohra – se nipprezenta kopja tal-applikazzjoni PA7167/97 – dokument MC7, fejn kien qed jintalalb li jigi regolarizzat dan l-istess bini u l-applikazzjoni giet rijutata fil-hdax (11) ta’ mejju eld dis’ mija tmeinja u disghin (1998).  Qed nipprezenta ukoll kopja tar-rifjut – dokument MC8;*

*Minn dan ir-rifjut sar appell u qed nipprezenta kopja tal-appell li sar mill-Perit Teddie Busuttil – dokument MC9,  U din it-talba ghall-appell li sar mir-rifjut ikkonfermat ir-rifjut b’decizzjoni li nghatat fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Settembru tas-sena elfejn (2000) fejn il-Bord qed jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut tal-permess ghall-izvilupp mahrug mill-Kummissjoni tal-Kontrol, skond id-dokument MC9;*

*Qed nipprezenta kopja tal-pagna tal-Bord tal-applikazzjoni u l-konkluzzjoni, ghax id-dokument hu ftit kbir, jigifieri extract minn din id-decizzjoni.*

*Wara dan il-process kiollu regghet saretapplikazzjoni ohra, PA2877/04, skond id-dokument MC11. Din l-applikazzjoni "to sanction/convert existing rooms into grape pressing area and plant a vineyard in land exceeing four tumoli". Tinkludi ukoll jigifieri dan il-bini li hu mertu ta' dan il-kaz. Din l-applikazzjoni giet rifjutata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tal-elfejn u sitta (2006). Ghandi kopja tar-rifjut u l-pjanti li gew sottomessi mal-applikazzjoni;*

*Sar ukoll talba ghar-reconsideration minn dan l-istess rifjut li gie deciz fl-ghaxra (10) ta' Settembru tal-elfejn u sebgha (2007), skond id-dokument MC12;*

*Qed nipprezeta ukoll il-korrispondenza li ghaddiet bejn il-MEPA u Dottor Jean Franco Gauci li tikkonferma n-notifika tar-rifjut tar-reconsideration li sar fl-ghaxra (10) ta' Dicembru efejn u sebgha (2007). Allura t-terminu ta' appell kien jiskade fl-ghaxra (10) ta' Jannar elfejn u tmienja (200), skond id-dokument MC13"*

Ezaminati d-dokumenti esebiti, jirrizulta illi din il-kostruzzjoni tikkonsisti f'diversi kmamar fuq livell terren b'tarag fuq l-estern li jaghti ghal xi kamrina ohra sovraposta. L-area hija certament wahda barra miz-zona ta' zvilupp u minkejja dan, d-diversi tentattivi tal-imputat sabiex jissana din l-illegalita' bil-hrug ta' permess ilhom ikunu michud sa mill-1991 meta dawn il-permessi kienu f'idejn il-Planning Area Permits Board. L-fatt illi l-imputat applika diversi drabi that il-firma tieghu stess sabiex jirregola bini ezistenti huma biss konferma li dan il-bini huwa fil-fatt kostruit fl-intier tieghu kontra l-ligi. In difeza tieghu, l-imputat ressaq bhala xhud lill-espert arkiologiku sabiex jghid lil din il-Qorti illi t-tnehhija tal-izvilupp jista' jkun ta' aktar hsara ghas-sit peress illi fl-inhawi hemm diversi siti ta' importanza arkeologika izda frankament dan ma ghandu l-ebda rilevanza mal-akkuza li dwara din il-

Qorti tikkonkludi li huma pruvati fil-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk qed issib lill-imputat hati taghha;

Ma ssibx lill-imputat Salvu Vella hati u tilliberah.

Rat l-artikoli 16 u 17 tal-Kap 10 kif salvati permezz tal-artikolu 63 (1) tal-Att I tal-1992;

Tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn u tletin euro (€230.00).

Tordna lill-imputat inehhi l-izvilupp li sar bla permess u jregga lura s-sit ghal dak li kien qabel l-istess zvilupp u taht id-direzzjonijiet li tista’ timponi l-MEPA u dan sa massimu ta’ tlett (3) xhur mil-lum fuq penali ta’ mitt euro (E100.00) kull jum ghal kull jum ta’ nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------